2026/833

10.4.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/833

tat-30 ta' Marzu 2026

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni stabbilit bil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendi għall-Protokoll I ta' dak il-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 165(4) u l-Artikolu 166(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport (il-"Programm Erasmus+") ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

(2) L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/817 jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw fil-Programm Erasmus+. F'konformità mal-Artikolu 19(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/817, il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' tali parteċipazzjoni mir-Renju Unit għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.

(3) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra [2] (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 [3] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

(4) Skont l-Artikolu 710(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni stabbilit bl-Artikolu 8(1), il-punt (s), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (il-"Kumitat Speċjalizzat"), jista' jemenda l-Protokoll I ta' dak il-Ftehim, dwar Programmi u attivitajiet li fihom jipparteċipa r-Renju Unit ("Protokoll I"), inkluż billi jżid programmi jew attivitajiet ġodda li fihom ir-Renju Unit għandu jipparteċipa u li r-Renju Unit għandu jikkontribwixxi għalihom.

(5) Il-Protokoll I u l-emendi tiegħu jiffurmaw parti integrali mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat fir-rigward tal-emendi għall-Protokoll I,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/817/oj).

[2] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/689/oj).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fi Programmi tal-Unjoni, stabbilit bl-Artikolu 8(1), il-punt (s), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Kumitat Speċjalizzat"), hija stabbilita fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. PANAYIOTOU

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU 1/2026 TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROGRAMMI TAL-UNJONI STABBILIT BL-ARTIKOLU 8(1), IL-PUNT (S), TAL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MINN NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA,

ta' …

li temenda l-Protokoll I tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROGRAMMI TAL-UNJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra [1] (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu 710(2) tiegħu,

Billi:

FILWAQT LI KKUNSIDRA l-għanijiet komuni, il-valuri u r-rabtiet b'saħħithom tal-Partijiet fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, u li l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Programm Erasmus+ ser tkun ta' benefiċċju għaż-żewġ Partijiet f'dan ir-rigward,

FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID il-fehim tal-Partijiet li t-termini speċifiċi ta' din il-parteċipazzjoni, inklużi t-termini finanzjarji miftiehma b'mod reċiproku, jenħtieġ li jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit u l-benefiċċji għalih,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li, f'konformità ma' dan il-fehim, il-Partijiet qiesu li huwa xieraq li jaġġustaw il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għall-Programm Erasmus+ fil-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fi kwalunkwe programm rilevanti li jiġi wara l-Programm Erasmus+ taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jenħtieġ li tkun fuq termini miftiehma b'mod reċiproku biex tirrifletti bilanċ ġust u tkun infurmata mill-esperjenza tal-parteċipazzjoni fl-2027,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll I huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2027.

Magħmul fi…, …

Għall-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni

Il-Kopresidenti

[1] ĠU UE L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

ANNESS

Il-Protokoll I għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"(1a) Ir-Renju Unit għandu jipparteċipa u jikkontribwixxi mill-1 ta' Jannar 2027 fil-programm tal-Unjoni stabbilit mill-att bażiku li ġej:

(a) ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-'Programm Erasmus+')

(*) Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU UE L 189, 28.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/817/oj).";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Fir-rigward tal-programmi msemmija fil-paragrafu 1, dan il-Protokoll ma għandux japplika għal proċeduri ta' għoti li jimplimentaw impenji baġitarji għall-2021, l-2022 u l-2023.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"(3) Fir-rigward tal-Programm Erasmus+ imsemmi fil-paragrafu 1a, dan il-Protokoll ma għandux japplika għall-proċeduri ta' għoti li jimplimentaw l-impenji baġitarji għall-2021, l-2022, l-2023, l-2024, l-2025 u l-2026.";

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Ir-Renju Unit għandu jipparteċipa fil-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, jew f'partijiet minnhom, imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan il-Protokoll mill-1 ta' Jannar 2024 għat-tul ta' żmien li jibqa' tagħhom jew sa tmiem il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, skont liema jkun l-iqsar.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"(1a) Ir-Renju Unit għandu jipparteċipa fil-Programm Erasmus+ imsemmi fl-Artikolu 1(1a) ta' dan il-Protokoll mill-1 ta' Jannar 2027 għall-perjodu ta' żmien li jifdal jew sa tmiem il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, skont liema jkun l-iqsar.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Ir-Renju Unit jew l-entitajiet tar-Renju Unit għandhom ikunu eliġibbli skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 711 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, fir-rigward tal-proċeduri ta' għoti tal-Unjoni, li jimplimentaw l-impenji baġitarji tal-programmi u l-attivitajiet jew partijiet minnhom, imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, fil-limiti ta' żmien stipulati fil-paragrafu 1 u l-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu.

Għall-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan il-Protokoll, ir-Renju Unit jew l-entitajiet tar-Renju Unit m għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament tal-Unjoni taħt proċeduri ta' għoti tal-Unjoni li jimplimentaw impenji baġitarji għall-2021, 2022 u 2023, mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' eliġibilità applikabbli għal entitajiet ta' pajjiżi li mhumiex assoċjati stipulati fl-att bażiku jew regoli oħrajn dwar l-implimentazzjoni tal-programm jew tal-attività tal-Unjoni.

Għall-Programm Erasmus+ imsemmi fl-Artikolu 1(1a) ta' dan il-Protokoll, ir-Renju Unit jew l-entitajiet tar-Renju Unit ma għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament tal-Unjoni taħt proċeduri ta' għotja tal-Unjoni li jimplimentaw impenji baġitarji għall-2021, 2022, 2023, 2024, 2025 u 2026, minħajr preġudizzju għar-regoli ta' eliġibbiltà applikabbli għal entitajiet ta' pajjiżi li mhumiex assoċjati stipulati fl-att bażiku jew regoli oħrajn dwar l-implimentazzjoni ta' dak il-programm tal-Unjoni.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 6a*

Termini u kundizzjonijiet speċifiċi tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Programm Erasmus+

Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Programm Erasmus+ għandha tkun kundizzjonali fuq in-notifika ta' awtorità nazzjonali, il-ħatra ta' aġenzija nazzjonali, u l-ħatra ta' korp tal-awditjar indipendenti, f'konformità mal-Artikoli 26, 27, 28 u 29 tar-Regolament (UE) 2021/817.

Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Programm Erasmus+ għandha tkun soġġetta għall-fatt li l-Kummissjoni Ewropea taċċetta jew taċċetta b'mod kondizzjonali l-valutazzjoni tal-konformità *ex-ante* tal-aġenzija nazzjonali, skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (UE) 2021/817.

Artikolu 6b

Kundizzjonijiet finanzjarji għall-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Programm Erasmus+

(1) B'deroga mill-Artikolu 714(7) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni li għandu jiġi applikat fis-sena 2027 għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni operattiva għall-parteċipazzjoni fil-Programm Erasmus+, imsemmi fl-Artikolu 1(1a) ta' dan il-Protokoll, għandu jkun ta' 70 % tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni definit fl-Artikolu 714(6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(2) Fir-rigward tal-Programm Erasmus+, imsemmi fl-Artikolu 1(1a) ta' dan il-Protokoll, ir-referenzi għall-'koeffiċjent tal-kontribuzzjoni tas-sena N' fl-Artikolu 714(8) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għandhom jinftiehmu bħala '70 % tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni tas-sena N'.

Artikolu 6c

Rieżami tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Programm Erasmus+

(1) 10 xhur wara l-bidu tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Programm Erasmus+, imsemmi fl-Artikolu 1(1a) ta' dan il-Protokoll, il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni għandu jirrieżamina l-implimentazzjoni tiegħu abbażi tad-data disponibbli dwar il-parteċipazzjoni tal-entitajiet tar-Renju Unit f'azzjonijiet taħt ġestjoni indiretta u diretta taħt il-Programm Erasmus+, inkluż il-punt sa fejn il-fondi jkunu ġew allokati b'suċċess.

(2) Wara talba minn kwalunkwe Parti, il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni għandu jiddiskuti bidliet jew bidliet proposti li jaffettwaw it-termini tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Programm Erasmus+, u jekk ikun meħtieġ, jista' jipproponi miżuri xierqa fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(3) Kull Parti għandha tiġbor, iżżomm u tipprovdi lill-Parti l-oħra informazzjoni jew data li tkun raġonevoli biex jitwettaq dan ir-rieżami.

Artikolu 6d

Kooperazzjoni statistika

Kwalunkwe data statistika dwar ir-Renju Unit għall-finijiet tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Programm Erasmus+, b'mod partikolari data dwar il-popolazzjoni tar-Renju Unit, għandha tiġi pprovduta mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat), hekk kif l-iskambji rilevanti ta' data statistika u informazzjoni relatata jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Arranġament dwar il-Kooperazzjoni Statistika bejn l-Awtorità tal-Istatistika tar-Renju Unit u l-Eurostat imsemmi fl-Artikolu 730 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Qabel ma japplikaw it-termini aġġornati, kwalunkwe data statistika dwar ir-Renju Unit għall-finijiet tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Programm Erasmus+ għandha tiġi stabbilita abbażi tad-data pprovduta mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (Organisation for Economic Cooperation and Development, OECD).";

(4) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

Reċiproċità

Għall-fini ta' dan l-Artikolu 'entità tal-Unjoni' tfisser kwalunkwe tip ta' entità, kemm jekk persuna fiżika, persuna ġuridika jew tip ieħor ta' entità, li tirrisjedi jew li hija stabbilita fl-Unjoni.

L-entitajiet eliġibbli tal-Unjoni jistgħu jipparteċipaw fi programmi tar-Renju Unit ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 1(1), fil-punti (b) u (c) ta' dan il-Protokoll f'konformità mal-liġi u r-regoli tar-Renju Unit.".